# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT MCKEON**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru 2015**

**Numru 1**

**Numru:740/95**

**Hector Tanti u ohtu Vivvie sive Victoria mart Joseph Attard f'isimha proprju u bhala mandatarja specjali ta' huha Charles sive Carmelo Tanti, assenti minn Malta**

**v.**

**Alfio Micallef Grimaud u martu Maria, ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta talba maghmula mill-konvenuti ghal ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju 2013, wara li jithassru partijiet mis-sentenza. Il-konvenuti invokaw l-Artikoli 811(e), (l), (f) u (g) tal-Kap. 12.

2. B'citazzjoni prezentata fit-2 ta' Gunju 1995 l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:-

> *"1. Tiddikjara illi l-atturi ghandhom d-dritt illi jinghataw rendikont dettaljat tal-amministrazzjoni tal-konvenut fil-perjodu meta huwa kien prokuratur tal-mejta Maria Grazzia Tanti;*
>
> *"2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-istess Onorabbli Qorti huwa jaghti rendikont dettaljat u sodisfacenti ta' dak kollu li ghamel u ta' dak kollu li rcieva bis-sahha tal-mandat moghti lilu minn Maria Grazzia Tanti, occorrendo taht is-supervizjoni u direzzjoni ta' perit nominandi, u dan in vista tal-fatti li ser jirrizultaw fil-kors ta' din il-kawza.*
>
> *"Bl-ispejjez kollha, inkluz l-ittra ufficjali tal-20 ta' April 1995 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".*

3. Il-konvenuti wiegbu li:

> *"1. Illi l-ewwelnett l-attrici ghandha tipprova l-mandat taghha minghand huha Carmelo Tanti.*
>
> *"2. Illi l-konvenuta m'ghandhiex locus standi f'din il- kawza, giet imharrka inutilment u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*
>
> *"3. Illi hemm pendenti quddiem l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili proceduri fejn qed tigi opposta n-nomina tal-konvenut bhala esekutur testamentarju tal-mejta Maria Grazia Tanti, u fi kwalunkwe kaz f'dan l-istadju l-atturi m'ghandhomx rimedju iehor hlief li jitolbu r-revizjoni tal-inventarju ppreparat mill-konvenut.*
>
> *"4. Illi l-konvenut kien igwadi mill-fiducja shiha tal-mejta Maria Grazia Tanti u l-atturi ghandhom dritt biss li jindagaw dwar dak li fadal mill-assi taghha fil-mument ta' mewtha li dwarhom il-konvenut diga' pprezenta rapport ossia inventarju".*

4. B'sentenza preliminari tal-4 ta' Ottubru 1999 l-Ewwel Qorti cahdet it-tielet eccezzjoni.

5. B'sentenza tat-12 ta' Jannar 2010, il-Prim' Awla ddecidiet:

*"Tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib li l-atturi għandhom jedd li jingħataw mingħand l-imħarrek rendikont sħiħ tat-tmexxija li wettaq bejn Awissu tal-1987 u Diċembru tal- 1994 tal-ġid ta' zitu (u zit l-atturi) Maria Grazia Tanti, xebba, bint il-mejtin Joseph Tanti u Marianna nee` Grech, u dan fid-dawl tal-prokura ġenerali mogħtija lilu mill-imsemmija Maria Grazia Tanti;*

*"Tilqa' t-tieni talba attriċi u tordna lill-imħarrek iressaq ir-rendikont xieraq u dettaljat tal-imsemmija tmexxija tiegħu sa żmien erbgħin (40) jum mil-lum, liema rendikont irid jitressaq fl-atti ta' din il-kawża maħluf mill-imħarrek u jitfassal fuq is-sejbiet u l-partiti dwar il-ġid ta' Maria Grazia Tanti kif imqassmin fir-Relazzjoni mressqa mill-perit komputista l-avukat Renald Micallef u li tagħmel parti mill- atti ta' din il-kawża, bla ebda ħsara għal kull jedd ta' azzjoni oħra xierqa spettanti lill-atturi taħt il-liġi f'każ ta' nuqqas min-naħa tal-imħarrek li jwettaq dak ordnat lilu b'din is-sentenza;*

*"Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u*

*"Tikkundannahom, flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża, magħdudin dawk marbutin mas-sentenza preliminari tal-4 ta' Ottubru, 1999."*

6. Mis-sentenza appellaw il-konvenuti Micallef Grimaud fejn ilmentaw li:-

"i. Il-konvenuta ma kellhiex *locus standi* gialadarba ma kinitx inghatat inkarigu minn Maria Tanti. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza tal-Ewwel Qorti m'hemmx accenn ghaliha u kien evidenti li tharrket bla bzonn. Fic-cirkostanzi l-atturi ghandhom ibatu parti mill-ispejjez gudizzjarji.

"ii. Il-konvenut ma kienx l-amministratur ta' Maria Tanti minkejja li ghamel diversi atti ghan-nom taghha bl-uzu ta' prokura generali li kienet tatu."

B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2013 din il-Qorti cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Jannar 2010. Fil-qosor din il-Qorti kkonkludiet li:

"(a) L-appell hu frivolu u vessatorju.

"(b) Kien ammess li l-konvenut kien jamminista l-gid ta' Maria Grazia Tanti. Gialadarba rrizulta li hu kien il-mandatarju taghha kellu dmir jaghti rendikont peress li ma kienx irrizulta li kien gie espressament mehlus milli jatih (Artikolu 1875 tal-Kodici Civili).

"(c) "Il fatt li rendikont ikun gie pprezentat fl-atti tal-kawza mhux ta' ostakolu ghall-procedura ta' kontestazzjoni kontemplata mil-ligi.

"(d) Hu veru li l-konvenuta ma kinitx mandatarja ta' Tant. Madankollu jidher car li kienet tassisti lil zewgha u ppartecipat f'agir frawdolenti. L-espert kalligrafu mahtur mill-Ewwel Qorti kkonkluda li l-firma ta' Tanti li hemm fl-ittra a fol. 272 li nkitbet mill-konvenuta, hi falza. Ghalhekk il-konvenuta ma tistax tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"(e) Ir-rendikont kellu jigi pprezentat fi zmien erbghin (40) jum mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti. Spejjez jithallsu in solidum mill-konvenuti li ghandhom ihallsu l-ispejjez ghal darbtejn (Artikolu 229(9) tal-Kap. 12)."

7. Il-konvenuti talbu ritrattazzjoni minhabba li:

"(a) M'hemmx ness bejn il-kawzali u t-talbiet tar-ritrattati kif gew proposti fic-citazzjoni. Ghalkemm Maria Micallef Grimaud giet imharrka bhala konvenuta ghal kull interess li jista' jkollha, m'hemmx riferenza ghaliha fil-korp tac-citazzjoni. Fic-citazzjoni jissemma biss ir-ritrattand l-iehor. Billi fil-konsiderazzjoni u l-parti dispozittiva tas-sentenza din il-Qorti pprovdiet fil-konfront ta' Micallef Grimaud, allura kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi (Artikolu 811(e) tal-Kap. 12). Inoltre ghal dak li jirrigwarda il-konvenuti, il-perit kalligrafu ma qalx li l-firma falza kienet maghmula minn din il-parti. Fil-fatt hu ma gabar l-ebda firma minghandha kif kien wiehed jippretendi li jitlob. Fic-cirkostanzi hemm zball ta' fatt (Artikolu 811(l) tal-Kap. 12).

"(b) Id-decizjoni ta' din il-Qorti li l-ispejjez ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom il-konvenuti in solidum hi *extra petita* (Artikolu 811(f) tal-Kap. 12), *ultra petita* (Artikolu 811(g) tal-Kap. 12) u applikazzjoni hazina ta' ligi (Artikolu 811(e) tal-Kap. 12). Dan in kwantu ma saret l-ebda talba fil-konfront ta' Maria Micallef Grimaud. Ukoll jekk irrizulta xi haga dwar l-operat ta' din il-parti, il-Qorti hi marbuta bil-kawzali u t-talbiet li hemm fic-citazzjoni."

8. L-atturi wiegbu (23 ta' Lulju 2015)[fol 9]. Fil-qasir qalu:-

"(a) Ir-ritrattazzjoni hi rimedju straordinarju;

"(b) Fir-rigward tal-allegat applikazzjoni hazina tal-ligi, il-konvenuti naqsu milli jwettqu dak li jinghad fl-Artikolu 816 tal-Kap. 12.

"(c) Ir-rapport tal-perit kalligrafu ma giex kontestat u lanqas ma ntalbet in-nomina ta' periti perizjuri. Ladarba Maria Micallef Grimaud kienet parti fil-proceduri, l-Ewwel Qorti kient korretta li taghti sentenza fil-konfront taghha.

"(d) M'ghandux ikun li ghaliex il-konvenuta kellha t-tieni eccezzjoni michuda, tipprova tuza' dawn il-proceduri sabiex dik l-eccezzjoni terga' tigi deciza.

"(e) Fir-rigward tal-ilmenti relatati mal-Artikolu 811(g) u (e), ladarba l-eccezzjonijiet ta' Maria Micallef Grimaud gew michuda kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjez in solidum ma' zewgha. Inoltre, ladarba din il-Qorti kkonkludiet li l-appell kien frivolu u vessatorju, m'hemm xejn *ultra petita jew extra petita* meta l-Qorti tal-Appell applikat l-Artikolu 229(9) tal-Kap. 12."

9. Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-ilmenti tal-konvenuti mis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013.

10. **<u>L-ewwel ilment</u>**.

10.1 Skont L-Artikolu 816 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"[….] u meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata"*.

10.2 Fir-rikors ma jissemmiex il-provvediment tal-ligi li kellu jigi applikat. Dan ifisser li l-ilment bazat fuq l-Artikolu 811(e) ma jistax jirnexxi.

10.3 Hu fatt li l-Qorti ddecidiet il-kawza ukoll a bazi tal-eccezzjonijiet li pproponew il-konvenuti. It-tieni eccezzjoni kienet taqra:-

> *"2. Illi l-konvenuta m'ghandhiex locus standi f'din il-kawza, giet imharrka inutilment u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju"*.

Dwar din l-eccezzjoni l-Ewwel Qorti osservat:-

> *"Hija tibni din l-eccezzjoni fuq il-fatt li hija ma kinitx werrieta ta' zit zewgha u lanqas mahtura mandatarja taghha"* [1].

Imbaghad fir-rikors tal-appell, il-konvenuta iddikjarat li kienet opponiet ghall-prezenza taghha fil-kawza ghaliex *"…. ma kellha l-ebda inkarigu fil-konfront ta' Maria Tanti"*[2]. Dikjarazzjoni li tikkonferma dak li qalet l-Ewwel Qorti dwar it-tieni eccezzjoni. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta qatt ma tat eccezzjoni li ma kellhiex *locus standi* minhabba li fic-citazzjoni ma tissemmiex fil-premessi u t-talbiet. Ghaldaqstant, il-Qorti ddecidiet a bazi tat-talbiet u l-eccezzjonijiet li taw il-partijiet, u ghalhekk ma jistax jinghad li s-sentenza applikat il-ligi hazin.

10.3 Fir-rigward tal-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 hu evidenti li l-konvenuti qieghdin jistiednu lill-Qorti sabiex terga' taghmel apprezzament tal-fatti. Fil-kawza fl-ismijiet **Isidoro Agius v. Giuseppi Bugeja**, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju 1995, inghad:-

> *"jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa*

[1] Fol. 7 tas-sentenza.
[2] Ara fol. 2 tar-rikors tal-appell.

*ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpetazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni".*

Il-konvenuti ghamlu riferenza ghar-rapport tal-perit kalligrafu li skont huma sar inutilment u ma tefa' l-ebda dell fuqhom. Din hi materja li giet ikkunsidrata mill-Prim' Awla u wkoll minn din il-Qorti fis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013. Il-konvenuta tilmenta li fil-konfront taghha ma saritx investigazzjoni u l-perit gudizzjarju ma gabarx il-firma taghha sabiex jaghmel paragun mal-firma li tidher fl-ittra tad-9 ta' Dicembru 1993. Dan jitratta apprezzament tal-fatti li din il-Qorti diga' ghamlet fl-appell. Il-Qorti tosserva wkoll kif fir-rikors tal-appell il-konvenuti ma ressqu l-ebda aggravju dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-agir tal-konvenuta, u li wassluha biex tikkonkludi li kienet komplici ma' zewgha. Il-Qorti tal-Appell semplicement qablet mar-ragunament tal-Ewwel Qorti. Proceduri ta' ritrattazzjoni ma jistghux jintuzaw sabiex isir apprezzament ta' fatti li jkun diga' sar.

10.4 Ghall-finijiet tal-paragrafu (l), ikun hemm zball:-

*"fuq* ***is-suppożizzjoni ta' xi fatt*** *li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza".*

Hu ghalhekk evidenti li sabiex issehh ritrattazzjoni ghar-raguni ta' zball ta' fatt, il-gudikant irid ikun haseb li fl-atti hemm dak li fil-fatt ma jezistix jew ibbaza l-gudizzju tieghu fuq il-presuppost tal-inezistenza ta' dak li

jirrizulta mill-atti. Fir-rikors il-konvenuti m'ghamlu l-ebda riferenza ghal zball simili. Ritrattazzjoni m'ghandha qatt isservi sabiex issir xi interpretazzjoni tal-fatti differenti minn dik li tkun saret mill-Qorti li ddecidiet il-kawza.

11. **<u>It-tieni ilment</u>**.

11.1 Dan l-ilment jirrelata ghall-kap tal-ispejjez tas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013. Il-konvenuti invokaw l-Artikolu 811(f), (g) u (e) tal-Kap. 12 u cioe` li s-sentenza nghatat fuq xi haga mhux imdahhla fit-talba, fis-sentenza inghata iktar milli intalab, u kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi.

11.2 Ghall-finijiet tal-paragrafi (f) u (g) dak li hu rilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri hi l-parti dispozittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Apell. Fiha l-Qorti cahdet l-appell. Wiehed irid jiftakar li f'dan il-kaz ir-rimedju ta' ritrattazzjoni jirreferi ghall-procedura fl-istadju tal-appell u mhux quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk hu f'dak l-istadju li jrid jigi identifikat jekk is-sentenza ta' din il-Qorti nghatatx fuq xi haga mhux imdahhla fit-talba jew gie moghti iktar minn dak li ntalab.

It-tieni ilment tal-konvenuti hu bazat fuq il-fatt li fic-citazzjoni ma saret l-ebda talba kontra Maria Micallef Grimaud, u ghalhekk qatt ma setghet

tigi kkundannata thallas l-ispejjez flimkien ma' zewgha. Hu minnu li fic-citazzjoni Maria Micallef Grimaud ma tissemmiex fil-premessi u talbiet. Pero` hu minnu wkoll li t-tieni eccezzjoni, li tat flimkien ma' zewgha, giet michuda. B'hekk baqghet parti fil-kawza. Inoltre l-Qorti ikkonkludiet li l-konvenuta kienet komplici fl-agir frawdolenti ta' zewgha. L-ispejjez gudizzjarji huma accessorji. Ghalhekk ukoll jekk xi parti ma taghmilx talba *ad hoc* dwar l-ispejjez[3], il-Qorti ghandha tipprovdi. B'daqshekk il-Qorti ma tkunx qieghda tiddeciedi *ultra petita* jew *extra petita*. L-Artikolu 177 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> *"Il-klawsola "bl-ispejjez" titqies dejjem bhala mdahhla f'kull skrittura li fiha jistghu jintalbu l-ispejjez"*.

11.3 Fis-sentenza, il-Qorti tal-Appell ordnat li: *"L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu in solidum mill-konvenuti Micallef Grimaud"*. Gialadarba l-appell gie michud, logikament l-ispejjez li ddecidiet dwarhom il-Qorti tal-Appell huma l-ispejjez relatati mal-appell. L-ispejjez relatati mal-process quddiem l-Ewwel Qorti, gew decizi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tat-12 ta' Jannar 2010. Skont l-Artikolu 223 tal-Kap. 12:-

> *"(1) Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez"*.

---

[3] Fic-citazzjoni t-talbiet tal-aturi huma **kollha** ndirizzati fil-konfront ta' Alfio Micallef Grimaud biss.

Fl-appell it-telliefa kienu l-konvenuti li kienu appellaw mis-sentenza tal-Prim' Awla. Ghalhekk il-Qorti tal-Appell ghamlet sew meta kkundannat lill-konvenuti, illum appellanti, sabiex ihallsu l-ispejjez.

11.4 Fir-rigward tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 hawn ukoll il-konvenuti naqsu milli jindikaw il-ligi li fil-fehma taghhom kellha tigi applikata (Artikolu 816 tal-Kap. ,12). F'kull kaz japplika wkoll dak li nghad hawn fuq u cioe` li skont l-Artikolu 223 tal-Kap. 12 it-tellief ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. L-appell intilef mill-konvenuti u ghalhekk zgur li ma kienx hemm applikazzjoni tal-ligi meta din il-Qorti kkundannathom ihallsu l-ispejjez.

11. Fir-rikors il-konvenuti accennaw ukoll ghal fatt li din il-Qorti ikkundannathom ihallsu l-ispejjez ghal darbtejn. Disposizzjoni li taghti lil din il-Qorti d-diskrezzjoni li taddotta fejn hi tal-fehma li appell ikun frivolu jew vessatorju (Artikolu 223(4) tal-Kap. 12[4]). Ghalhekk m'ghandha x'taqsam xejn ma' decizjoni *extra petita* jew *ultra petita.* Fir-rigward tar-raguni li tissemma fl-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12, gialadarba hi l-istess ligi li taghti dan il-poter lill-Qorti tal-Appell, m'hemmx kaz ta' applikazzjoni hazina ta' ligi.

[4] *"(4) Fil-kazijiet ta' appelli u ritrattazjonijiet fiergha jew vessatorji, il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali tista' tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn"*.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tal-konvenuti Micallef Grimaud bl-ispejjez kontra taghhom**.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Joseph Zammit Mckeon | Anthony Ellul |
| Agent President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb